MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# Avviż Pubbliku - Maltese Cross Financial Services Limited

Dan l-avviż jipprovdi aġġornament dwar diversi żviluppi marbuta mal-investigazzjoni tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, wara l-Avviżi Pubbliċi maħruġa mill-Awtorità fis-7 ta' Awwissu u l-12 ta' Awwissu 2014.

Fis-7 ta' Awwissu 2014, l-operazzjonijiet tal-Kumpanija kienu sospiżi b'effett immedjat. Minn hemm 'il quddiem, fil-12 ta' Awwissu 2014, l-Awtorità ħadet azzjoni regolatorja kontra s-Sur Jean Claud Bugeja, wieħed mit-tliet Diretturi tal-Kumpanija, fejn l-approvazzjonijiet mogħtija lilu biex jaġixxi bħala Direttur, Compliance Officer u Money Laundering Reporting Officer tal-Kumpanija, kienu revokati. L-Awtorità rrevokat ukoll l-approvazzjoni tagħha lis-Sur Jean Claud Bugeja biex jipprovdi servizzi ta' investiment. Aktar minn hekk, l-Awtorità ħarġet ukoll Direttiva skont it-termini tal-Artikolu 16 tal-Att dwar Awtorità għas-Servizzi FInanzjarji ta' Malta u l-Artikolu 15 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment, indirizzata personalment lis-Sur Jean Claud Bugeja, fejn idderiġietu biex jirriżenja minn Direttur tal-Kumpanija, jieqaf milli jipprovdi kull tip ta' servizz finanzjarju, inkluż pariri ta' investiment; biex jieqaf milli jwettaq kull tip ta' funzjoni fil-Kumpanija; u biex ma jaċċessax ir-rekords, is-sistemi tal-IT u l-uffiċċji tal-Kumpanija.

L-Awtorità stabbiliet ukoll li l-Kumpanija għandha nuqqas materjali fl-assi tal-klijenti, b'liema nuqqas jidher li rriżulta mill-possibilità ta' użu ħażin u manipulazzjoni ta' tali assi. Bħala konsegwenza ta' dan, ċertu investimenti li kienu jappartjenu għall-klijenti, iżda li kienu miżmuma mill-Kumpanija, jista' jkun li ntilfu. L-Awtorità ħadet u se tkompli tieħu l-azzjoni neċessarja bl-għan primarju li tissalvagwardja u tipproteġi l-interessi tal-klijenti tal-Kumpanija bl-aktar mod wiesa' possibbli.

L-MFSA qed tikkoordina l-isforzi tagħha mal-awtoritajiet tal-Pulizija u infurmathom dwar is-sejbiet tagħha.

Iċ-ċirkostanzi li wasslu għal din is-sitwazzjoni għadhom is-suġġett tal-investigazzjonijiet uffiċjali intensivi u għadhom għaddejjin. Dawn l-investigazzjonijiet se jieħdu ammont ta' żmien qabel ma jkunu jistgħu jaslu fi tmiemhom.

Filwaqt li tfakkar lill-investituri li użaw is-servizzi tal-Kumpanija li l-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur riċentement ippubblikat sejħa għas-sottomissjoni tat-talbiet tal-investituri, l-Awtorità tirrakkomanda li l-investituri jfittxu parir legali biex jidentifikaw kull azzjoni legali oħra li tista' tħarsilhom aħjar id-drittijiet tagħhom quddiem il-liġi.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**MFSA Ref: 67-2014**
**22 ta' Awwissu 2014**